

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per le Marche (l-Italja) fis-6 ta' Marzu 2017 – Comune di Castellano vs Regione Marche et

(Kawża C-117/17)

(2017/C 221/02)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per le Marche

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Comune di Castellano

Konvenuti: Regione Marche, Ministero per i beni e le attività culturali, Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Regione Marche Servizio Infrastrutture Trasporti Energia – P.F. Rete Elettrica Regionale, Provincia di Ancona

Domandi preliminari

- 1) Id-dritt Komunitarju (b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE⁽¹⁾), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-datata tal-adozzjoni tal-miżuri kontenzjużi) jipprekludi, bħala prinċipju, li nazzjonali jew prassi amministrattiva nazzjonali li tippermetti li jiġu sottoposti għal verifika tas-suġġettibbiltà għal SIA, jew li jiġu ssuġġettati għal SIA, proġetti marbuta ma' impjanti li jkunu diġà tlestew fil-mument li titwettaq il-verifika, jew, għall-kuntrarju, id-dritt komunitarju jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw li ssir deroga mill-prinċipju ġenerali li s-SIA hija, min-natura tagħha, evalwazzjoni preventiva?
- 2) B'mod iktar partikolari, tali deroga tkun iġġustifikata f'każ li liġi ġdida tkun teżonora minn SIA, proġett partikolari li kellu jiġi ssuġġettat għal *screening* skont deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali u/jew inapplicabbli regola li kienet fis-seħħ qabel u li kienet tipprovdi għall-eżenzjoni?

⁽¹⁾ Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Budai Központi Kerületi Bíróság (l-Ungerija) fis-7 ta' Marzu 2017 – Dunai Zsuzsanna vs ERSTE Bank Hungary Zrt.

(Kawża C-118/17)

(2017/C 221/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Budai Központi Kerületi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dunai Zsuzsanna

Konvenut: ERSTE Bank Hungary Zrt.

Domandi preliminari

- 1) Il-punt 3 [tad-dispożittiv] tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-26/13 għandu jinftehem fis-sens li l-qorti nazzjonali tista' tirrimedja l-assenza ta' validità ta' klawżola ta' kuntratt konkluż bejn professjonist u konsumatur meta ż-żamma tal-kuntratt imur kontra l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur?
- 2) Huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni, ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq li l-parlament ta' Stat Membru jemenda permezz ta' liġi kuntratti rregolati mid-dritt privat li jaqgħu taħt kategoriji analogi u konklużi bejn professjonist u konsumatur?
 - 2/a. Fil-każ ta' risposta affermativa għad-domanda preċedenti, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni, ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq li l-parlament ta' Stat Membru jemenda permezz ta' liġi partijiet ta' kuntratti ta' self b'munita barranija għall-finijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, iżda b'hekk jikkawża effett li jmur kontra l-interessi leġittimi tal-protezzjoni tal-konsumaturi sa fejn il-kuntratt ta' self jibqa' validu wara l-emendi u l-konsumatur għandu jkompli jsostni l-ispejjeż li jirriżultaw mir-riskju tal-kambju?
- 3) Fil-każ ta' kontenut li jirrigwarda l-kuntratti konklużi bejn professjonist u konsumatur, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq għal kull kwistjoni ta' dritt ċivili li l-kunsill responsabbli għall-uniformità tal-istanza ġudizzjarja l-iktar għolja ta' Stat Membru tiggwida l-ġurisprudenza tal-qorti adita permezz ta' "deċiżjonijiet mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt"?
 - 3/a. Fil-każ ta' risposta affermativa għad-domanda preċedenti, huwa konformi mal-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni ta' rimedju ġudizzjarju effettiv u ta' smiġħ xieraq għal kull kwistjoni ta' dritt ċivili li l-kunsill responsabbli għall-uniformità tal-istanza ġudizzjarja l-iktar għolja ta' Stat Membru tiggwida l-ġurisprudenza tal-qorti adita permezz ta' "deċiżjonijiet mogħtija fl-interess ta' interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt", meta l-ħatra tal-mħallfin li huma membri tal-kunsill responsabbli għall-uniformità ma tkunx twettqet b'mod trasparenti, skont regoli predeterminati, meta l-proċedura quddiem l-imsemmi kunsill ma tkunx pubblika, u meta ma jkunx possibbli li wieħed ikun jaf *a posteriori* l-proċedura segwita, jiġifieri l-perizja u x-xogħlijiet akkademiċi użati jew il-vot tad-diversi membri (opinjoni favorevoli jew kuntrarja)?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fl-10 ta' Marzu 2017 – Orsolya Czakó vs ERSTE Bank Hungary Zrt.

(Kawża C-126/17)

(2017/C 221/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Orsolya Czakó

Konvenut: ERSTE Bank Hungary Zrt.